**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba numru: 571/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 43.**

**Nicholas Schembri (K.I. Nru 407277M) u**

**Amanda Bellizzi (K.I. Nru 192589M)**

**Bellavista, Flat 1, Triq Gebel Hanxul,**

**Marsaskala**

**Vs**

**Austin Cachia (K.I. Nru 379381M), Shamrock, Triq il-Fortizza, Mosta**

**Nathan Mercieca (K.I. Nru 297800L), Hanging Rock, Triq Ramon Perellos,**

**San Pawl il-Bahar**

**Mark Lupi (K.I. Nru 468372M), 198/2, Triq il-Kbira, San Giljan**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fl-ewwel (01) ta' Dicembru, 2016 li permezz tieghu qed jitolbu minghand il-konvenuti s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) ammont dovut bhala rifuzjoni tal-imsemmija somma li giet imhallsa mill-atturi ghal

partecipazzjoni fil-'Kilimanjaro Challenge 10' liema partecipazzjoni l-atturi rtiraw b'mod immedjat u effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti a fol 6 li permezz taghha eccepew li preliminarjament in kwantu l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenut Austin Cachia (KI 379381) l-istess azzjoni hija wahda nulla ghaliex l-istess Austin Cachia ma huwiex legittimu kontraditur tat-talbiet attrici u lanqas ghandu relazzjoni guridika mal-istess atturi; li minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fost affarijiet ohra l-pagament maghmul mill-atturi kien donazzjoni ghal skop filantropiku.

Ra n-nota prezentati mill-konvenuti a fol 13 li permezz taghha b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni specifikaw li Austin Cachia mhuwiex legittimi kontradittur izda huma l-konvenuti l-ohra li huma l-legittimi kontradittur.

Ra l-affidavit ta' Nicholas Schembri, l-attur a fol 16 li permezz tieghu spjega li f'Mejju, 2016 huwa thajjar jiehu sehem fl-attivita' 'Kilimanjaro Challenge 10' u intalab ihallas depozitu ta' hames mitt ewro (€500) mal-applikazzjoni u hames mitt ewro ohra (€500) xi tlett xhur wara u hallashom. B'kollox kienet ser tigi tiswih erbat elef u hames mitt ewro (€4,500). Fit-13 ta' Lulju, 2016 saret laqgha ghal partecipanti mal-organizzaturi fejn huwa staqsa meta kienu ser jinxtraw il-biljetti tal-ajru u staqsa wkoll ghal kuntratt flimkien mal-ircevuti tal-hlasijiet li ghamel izda ma nghata xejn minn dan u fit-22 ta' Awwissu, 2016 huwa gie nfurmat li l-prezz kien ser jitla b'xi seba' mitt ewro (€700) ohra u ghalhekk iddecieda li jirtira minn dan ic-challenge. Huwa talab d-deposit lura u l-organizzaturi rrifjutaw ghax iddecidew li flusu kellhom imorru ghal karita u ma riedux jaghtuh refund jew idawru flusu fuq it-tfalja li wara wkoll spiccat ma haditx sehem.

In kontro-ezami fol 38 et l-attur Nicholas Schembri saritlu referenza ghal messagg tat-23 ta' Mejju ta' dik is-sena li fiha Nathan Mercieca informah li "*also keep in mind that Keith and Austin made it very clear to us all that the deposits are non-refundable should you decide to stop. That money will go as a donation should someone leave the group".* L-attur spjega li dan gara f'laqgha li huwa ma kienx prezenti ghaliha cioe' ta' qabel Mejju.

A fol 17 l-attrici Amanda Bellizzi fl-affidavit taghha spjegat l-istess li stqarr il-boyfriend taghha fl-affidavit tieghu Nicholas Schembri u li kien wara li rtira l-istess boyfriend li hija ddecidiet li lanqas hi ma tiehu sehem.

In kontro-ezami a fol 35 et Amanda Bellizzi xehdet li hija ghazlet li ma tippartecipax ghax ghola l-prezz u meta murija dok FGX a fol 25 (overleaf) para 10 fejn hemm imnizzel "*It is agreed that deposits forfeited shall be donated to the school*" hija wiegbet li hadd ma kien spjegalhom dan.

Il-konvenuti pprezentaw ghoxrin (20) affidavit, fejn ix-xhieda Andre Gauci, Lorna Grech, Manuel Galea, Mark Lupi, Sara Jane Vella, Keane Mario Cassar, kollha sostnew li kienu jafu li d-deposit ma kienx refundable u jmur donazzjoni ghal karita cioe' ghal Moviment Missjunarju Gesu fil-Proxxmu u li dejjem spjegaw lilhom dan. Ix-xhieda l-ohra spjegaw li din l-informazzjoni inghatat lilu wkoll fl-ewwel orientation meeting fejn l-attrici Amanda Bellizzi kienet ukoll prezenti.

In kontro-ezami Brian Paul Warrington a fol 85 et spjega li parti mis-somma marret ghal commitment u parti ghall-ispejjez izda meta mistoqsi kemm marru ghal commitment huwa wiegeb li l-commitment ma ghandux prezz. Huwa ccara li kuntratt ma kienx hemm u lanqas ircevuta ffirmata ma kien hemm imma kienu jibghatulhom spreadsheet bil-contributions ta' kulhadd.

In kontro-ezami Lorna Grech a fol 90 et xehdet li hija kellha meeting ma' Keith u spjegalha li hija kellha thallas elf ewro (€1,000) deposit peress li hija bdiet warajhom u spjegalha wkoll bazikament kull pagament li ser taghmel u li jekk tiddeciedi ghada pitghada li ma tkomplix hija titlef dawk il-flus. Hija tikkonferma li kuntratt ma kienx hemm u kien hemm l-istatement ta' kif ser jinqasmu eventwalment ghal flights, accommodation etc.

Semgha lill avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ikkunsidra

Li l-atturi thajru jidhlu ghal 'Kilimanjaro Challenge 10' u li meta sussegwentement ghaz-zewg pagamenti li ghamlu fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) kull wiehed bhala depozitu, huma gew infurmati li l-prezz kien ser joghla b'xi seba' mitt ewro (€700) aktar minn dak mitlub lilhom originarjament huma ddecidew li ma jmorrux u ghalhekk qed jitolbu l-flus lura.

Il-konvenuti da parti taghhom isostnu li l-atturi gew infurmati fl-ewwel laqgha li kellhom il-partecipanti u li ghaliha attendiet l-attrici biss li l-flus ma kienux jigu rifuzi kemm-il darba wiehed jaghzel li ma jkomplix u li dawn imorru donazzjoni ghal missjoni. Fit-trattazzjoni huma jikkontendu li anke jekk dawn il-flus huma dovuti imghaxijiet ma hemmx stante li l-flus gew depozitati l-Qorti mal-ewwel.

Ikkunsidra ulterjorment

L-ewwel eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur.

Il-konvenuti eccepew li l-konvenut Austin Cachia tharrek inutilment stante li huwa mhux il-legittimu kontradittur.

A fol 89 jirrizulta li ghal ewwel ma kienx hemm kumitat u kien qed imexxi Keith Marshall bl-assistenza ta' Austin Cachia u f'April jew Mejju saret elezzjoni u hargu xi nies ghal kumitat u Austin Cachia ma kienx gie elett stante li l-kumitat ikun iffurmat min-nies li jkunu ser imorru l-Kilimangaro Challenge dik is-sena u Austin Cachia ma kienx ser imur ghac-Challenge dik is-sena.

**L-Artikolu 780 tal-Kap 12** jipprovdi illi *"l-eccezzjoni dwar l-illegittimita tal-attur jew tal-konvenut tista tinghata meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skont il-ligi biex joqghod f'kawza inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interss ta' haddiehor minghajr ma jkun awtorizzat skont il-ligi ghaldaqshekk."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et Qorti tal-Appell 5.10.2001** dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, dik il-Qorti sostniet li:

*Biex jigi stabbilit jekk part in kawza kientx jew le legittimu kontradittrici l-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk l-persuna citat fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

L-istess fil-**kawza Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace deciza 3.10.2008 Prim Awla per Imh Valenzia kawza 1236/07** fejn il-Qorti sostniet li: *Min jeccepixxi li hu mhux l-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx l-persuna li kellu*

*jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport. "*

Mill-atti ghalhekk jirrizulta li meta l-atturi thajru jiehdu sehem f'din l-attivita' kien f'Mejju 2016 cioe' wara li l-konvenut Austin Cachia kien diga hareg il-barra mix-xena.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u ghalhekk il-konvenut Austin Cachia mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Dwar il-Mertu

Dwar il-mertu jigi rilevat li minn fol 25 jirrizulta li fl-laqgha tas-17 ta' Marzu, 2016 u li fiha attendiet l-attrici Amanda Bellizzi biss u li fiha hemm iddikjarat li ghal din l-attivita' l-partecipanti kellhom ihallsu erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) u li d-deposits li jintilfu jinghataw lill-iskola. Sussegwentement irrizulta li l-atturi gew infurmati li l-ispiza telghet ghal seba' mitt ewro (€700) ohra u huma dehrilhom li ma kellhomx ihallsu aktar u kkancellaw l-booking u issa qed jitolbu l-flus lura tad-depozitu li kienu hallsu akkont.
Illi mill-minuti tal-laqgha tal-15 ta' Marzu, 2016 (fol 25) li kienet saret ghal partecipanti ta' dan ic-challenge kien gie stabilita' li l-ispejjez kollha kienu ser ikunu ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) (vide para 6 intitolat 'costs involved in entirety EUR 4,500). Illi minn imkien ma jirrizulta li tnizzel ukoll fl-istess minuti li l-prezz setgha jvarja u f'dan il-kaz li setgha jitla. Illi ghalhekk meta saret din il-laqgha skatta l-ftehim bejn il-partijiet li din kienet ser issir bejn Malta u Tanzania fit-02 ta' Jannar, 2017 u bil-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess minuti tal-laqgha a fol 25.

Illi f'materja kontrattwali:
(a) Il-ftehim hu ligi ghal partijiet kontraenti (Artikolu 992(1) tal-Kodici civili; "**Carmelo Bajada noe vs Fr Saviour Cachia et noe" (Appell Kummercjali 16 ta' Lulju 1973);**
(b)Hi regola li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi (Artikolu 993 Kodici Civili; **vol XXI P1 p283);**
(c) Hi ukoll regola ben affermata li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (*Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*")

B'danakollu "*e' indubitato altresi che per diritto robatorio si ammette la prova testimonial allo scopo di chiarire le oscurita, le ambiguita e la incertezza dell'atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l'intenzione dei contraenti; oiche' in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimonial tendente a confermre il contenuto dell'atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, senza il sussidio della prova testimonial, potrebbe risultae oscura od apparire incera o ambigua*" (**Vol XXV P1 p 150)**

Illi mill-provi prodotti dan it-Tribunal jidhrilu li l-intenzjoni verta tal-partijiet kienet li din is-safra tkun tiswa erbat elef u hames mija (€4,500) u xejn aktar u ghalhekk meta l-atturi gew infurmati li l-prezz kien ghola huma kellhom kull dritt li jikkancellaw il-booking u jitolbu d-depozitu lura.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara li l-konvenut Austin Cachia mhux il-legittimu kontradittur u jilqa' t-talba tal-atturi u jordna lill-konvenuti jirrifondi lill-atturi s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bl-imghax dekorribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez tal-ittra gudizzjarja numru 1746/2016 u tal-mandat ta' sekwestru a karigu tal-konvenuti kollha ghajr Austin Cachia filwaqt li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma kwantu ghal kwart mill-atturi u tlett kwarti mil-konvenuti ghajr Austin Cachia li ma ghandu jehel ebda spejjez liema spejjez ta' Austin Cachia a karigu tal-atturi.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**